

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Mejju 2013 — Cat Media Pty vs UASI — Avon Products (RETANEW)**

(Kawża T-246/12) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Irtirar tal-oppożizzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)*

(2013/C 189/49)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Cat Media Pty Ltd (Warriewood, l-Awstralja) (rappreżentant: I. De Freitas, Solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Avon Products, Inc. (New York, l-Istati Uniti) (rappreżentant: U. Stelzenmüller, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-21 ta' Marzu 2012 (Każ R 740/2011-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Avon Products, Inc. u Cat Media Pty Ltd.

**Dispożittiv**

- (1) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.
- (2) Ir-rikorrenti u l-intervenjenti huma kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll, kull waħda, nofs l-ispejjeż sostnuti mill-konvenut.

<sup>(1)</sup> ĠU C 243, 11.08.2012

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Mejju 2013 — FH vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-405/12) <sup>(1)</sup>

*(“Rikors għal annullament u għad-danni — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirtira d-drittijiet ta’ aċċess tar-rikorrent għall-bini tagħha — Rikors għal annullament — Assenza ta’ interess ġuridiku — Inammissibbiltà — Rikors għad-danni — Rabta kawżali — Danni — Rikors manifestament infondat fid-dritt”)*

(2013/C 189/50)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: FH (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: É. Boigelot u R. Murru, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u J. Baquero Cruz, aġenti)

**Suġġett**

Minn naħa, talba għal-annullament tad-deċiżjoni tal-10 ta' Lulju 2012, li permezz tagħha l-Kummissjoni tirtira d-drittijiet ta' aċċess tar-rikorrent għall-bini tagħha kif ukoll ir-rettifika tal-11 ta' Lulju 2012 u, min-naħa l-oħra, talba għall-kundanna tal-Kummissjoni sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu allegatament subit mir-rikorrent.

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) FH għandu jbatu l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk inkorsi mill-Kummissjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU C 331, 27.10.2012.

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' April 2013 — AbbVie vs EMA**

(Kawża T-44/13 R)

*(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti miżmuma mill-EMA li jinkludu informazzjoni sottomessa minn impriża fil-kuntest tat-talba tagħha għal awtorizzazzjoni ta’ tqegħid fis-suq ta’ prodott mediċinali — Deċiżjoni li tagħti lil terz l-aċċess għal dokumenti — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Urġenza — Fumus boni juris — Ibbilanċjar tal-interessi”)*

(2013/C 189/51)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: AbbVie, Inc. (Wilmington, Delaware, l-Istati Uniti); u AbbVie Ltd (Maidenhead, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: P. Bogaert, G. Berrisch, avukati, B. Kelly, G. Castle, solicitors, D. Anderson, QC, u D. Scannell, barrister)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) (rappreżentanti: T. Jablonski, N. Rampal Olmedo u A. Spina, aġenti)

**Suġġett**

Talba essenzjalment intiża sabiex tinkiseb is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni EMA/748792/2012 tal-EMA, tal-14 ta' Jannar 2013, li tagħti lil terz, bis-saħħa tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331), l-aċċess għal ċerti dokumenti li fihom informazzjoni sottomessa fil-kuntest ta' talba għall-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq tal-prodott mediċinali Humira ddestinat għat-trattament tal-marda Crohn.